MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 489/2015

**Peter Vella (ID 666549M)**
**a nom u in raprezentanza ta' Meranti (P Comm 108)**

**Vs**

**M.G.S. Limited (C 6883)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-10 ta' Gunju, 2015 fejn l-attur tallab illi s-socjeta' konvenuta M.G.S. Limited kienet klijenta ta' Meranti, liema socjeta' kienet takkwista prodotti minghand Meranti Limited.

Illi s-socjeta' konvenuta kienet saret debittrici ta' Meranti Ltd ghall-ammont ta` elf hames mija u sebghin Ewro u hamsa u tlettin centezmu (€1,570.35), rapprezentanti bilanc dovut ghal prodotti provduti lis-socjeta' konvenuta, hekk kif jidher mid-*debtor statement* datat 31 ta' Dicembru, 2013 kopja ta' liema qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok 'A'.

Illi Meranti kienet baghtet u r-registrat ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta), datata 18 ta' Marzu, 2014 lis-socjeta konvenuta fejn interpellata sabiex thallas l-ammont dovut ta' elf hames mija u sebghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€1,570.35), rappreżentanti bilanc dovut ghal prodotti provduti lis-socjeta' konvenuta piu l-ispejjez u l-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv. Kopja ta' din l-ittra ufficjali qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'B';

Illi di seguito ghas-sudetta ittra ufficjali itta ufficjali '166A' ta' 18 ta' Marzu, 2014, is-socjeta' konvenuta wiegbet ghal din l-ittra ufficjali izda rrikonoxxit d-debitu u accettat li tidhol ghal ftehim bonarju ma' Meranti sabiex il-bilanc lejn id-debitu dovut lill-istess Meranti jithallas b'pagamenti mensili miftehma bejn iz-zewg partijiet, liema arrangjament is-socjeta' konvenuta waqfet tirrispetta wara li hija ghamlet zewg pagamenti rispettivament fl-ammont ta' mitejn tnejn u sebghin ewro u disgha u tlettin centezmu (€272.39) u mitejn u disgha u sittin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€269.47) liema pagamenti saru rispettivament fl-20 ta' mejju, 2014 u 22 ta' Mejju, 2014.

Illi l-bilanc dovut lill-Meranti, wara li s-socjeta' konvenuta naqqset milli tkompli tonora l-ftehim bonarju, sal-llum jammonta ghal elf u hamsa w tmenin ewro u sitta w sebghin centezmu (€1,058.76) piu l-ispejjez u l-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv.

Illi nonostanti diversi interpellazzjonijiet sabiex thallas il-bilanc dovut lill-attur, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjanti.

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna is-socjeta' intimata sabiex thallas l-ammont dovut ta' elf u hamsa w tmenin ewro u sitta w sebghin centezmu (€1,058.76).

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv.

Xehed Joseph Mamo rapprezentant tas-socjeta' konvenuta li `kkonferma l-ammont dovut u talab li l-ammont jithallas hamsin ewro (€50) fil-gimgha.

It-Tribunal jilqa' it-talba u lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elf u hamsa w tmenin ewro u sitta w sebghin centezmu (€1,058.76) bir-rata ta' hamsin ewro (€50) fil-gimgha. B'dan pero illi kemm il-darba s-socjeta' konvenuta tonqos milli thallas zeg skadenzi konsekuttivi allura s-socjeta' attrici jkollha d-dritt titlob il-bilanc fl-intier tieghu.

Spejjez tal-kawza a karigu tas-socjeta' konvenuta bl-imghax mid-data tal-1 ta' Lulju, 2014.

**Avukt Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------